Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Carlo Ellul)

vs

Anthony Camilleri

Illum 28 ta' Novembru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra 'il fuq imsemmi imputat Anthony Camilleri, iben John u Rosaria nee Sammut u detentur tal-karta' ta' l-identita' numru 0076143(M) talli fit-30 ta' Dicembru 2000, u fis-snin ta' qabel bhala d-detentur tal-fond 'Tonand', Triq Mikiel Ang. Sapiano, Hal-Luqa, jew bhala l-persuna illi kellu f'idejh l-imsemmi fond b'diversi atti maghmulin fi zminijiet li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1) ikkometta serq ta’ kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn LM100 u anqas minn LM1000 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur, u aktar

2) talli ghamel hsara jew kisser parti mill-meter tal-eletriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap. 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhud prodott;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi, debitament assistit, volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u dan waqt illi kienu qed isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370 (4), 390(l) u 392 tal-Kap. 9;

Taqta' u tiddiciedi illi fuq ammissjoni volontarja tal-istess imputat, l-imputat fuq imsemmi huwa hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u dan wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 261 (b), (c), (f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 280, 281, 283, 325 (c) u 18 tal-Kap. 9 ;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita' illi kellu, il-fatt illi ikkopera mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni kif ukoll il-fatt illi l-imputat, kif xehed Silvio Decelis, Administrative Officer mal-Korporazzjoni Enemalta, hallas l-ammont kollu dovut minnu lill-istess Korporazzjoni, ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut u ghalhekk wara illi rat ukoll l-artikolu 9 tal-Kap. 152, fil-waqt illi tillibera lill-imputat, tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti, wara illi rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kap. 9, tobbliga lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez kollha illi ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat biex jaghmel mir-Registratur tal-Qorti.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bir-responsabbilta' tieghu skond il-ligi jekk huwa

jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kondizzjoni.

Rita Saliba

Deputat Registratur